

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/2007**tas-17 ta' Diċembru 2018****li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-
ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu
tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK ⁽¹⁾ li stabbilixxiet l-operazzjoni militari Atalanta tal-UE ("Atalanta").
- (2) Fit-30 ta' Lulju 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1083 ⁽²⁾ li emendat l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK u estendiet l-Atalanta sal-31 ta' Diċembru 2020.
- (3) Fl-14 ta' Novembru 2018, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (KSNU) adotta r-Riżoluzzjoni 2444 (2018), li tterminat il-mandat tal-Grupp ta' Monitoraġġ tas-Somalja u l-Eritrea b'effett mis-16 ta' Diċembru 2018 u stabbilixxiet il-Bord ta' Esperti dwar is-Somalja bl-istess kompiti fir-rigward tas-Somalja.
- (4) Fit-22 ta' Novembru 2018, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) qabel li l-Atalanta għandha tkun awtorizzata tittrasferixxi informazzjoni lill-INTERPOL u lill-EUROPOL, inkluża data personali miksuba fl-ambitu tal-qafas legali eżistenti, dwar attivitajiet illegali li mhumiex piraterija, li tkun inġabret matul l-operazzjonijiet tagħha kontra l-piraterija, filwaqt li ma jinbidilx il-mandat tal-Atalanta.
- (5) Il-KPS qabel ukoll li fl-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK jenħtieġ li tiddaħħal dispożizzjoni dwar il-liġi applikabbli għar-rilaxx ta' data personali f'dak il-kuntest.
- (6) Jenħtieġ għalhekk li l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK tiġi emendata kif meħtieġ.
- (7) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża. Id-Danimarka ma tiħux sehem fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għalhekk ma tiħux sehem fil-finanzjament ta' din l-operazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 2, il-punt (n) huwa sostitwit minn dan li ġej:

"(n) tappoġġa, b'mod konsistenti mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar u skont il-mezzi u l-kapaċitajiet eżistenti, l-attivitajiet tal-Bord ta' Esperti dwar is-Somalja f'konformità mar-Riżoluzzjoni 2444 (2018) billi timmonitorja u tirrapporta lil dak il-Bord bastimenti ta' interess suspettati li jappoġġaw lin-netwerks tal-piraterija.";

⁽¹⁾ Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1083 tat-30 ta' Lulju 2018 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (ĠU L 194, 31.7.2018, p. 142).

(2) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 4 huwa sostitwit minn dan li ġej:

“4. L-Atalanta hija b'dan awtorizzata li tikkondividi mal-Bord ta' Esperti dwar is-Somalja u mas-CMF informazzjoni, minbarra data personali, dwar attivitajiet illegali jew mhux awtorizzati, miġbura matul l-operazzjonijiet kontra l-piraterija.”;

(3) fl-Artikolu 15, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“5. L-operazzjoni Atalanta hija b'dan awtorizzata tirrilaxxa lill-INTERPOL, f'konformità mal-Artikolu 2(h), u lill-EUROPOL, f'konformità mal-Artikolu 2(i), informazzjoni dwar attivitajiet illegali li mhumiex piraterija li tkun inġabret matul l-operazzjonijiet tagħha kontra l-piraterija.

6. Ir-rilaxx ta' data personali skont l-Artikolu 2 għandu jsir f'konformità mal-liġijiet tal-Istat tal-bastiment jew tal-inġenju tal-ajru li jipproċessa tali data personali.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2018.

Għall-Kunsill
Il-President
E. KÖSTINGER